



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11598/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0246(NLE)

PECHE 288

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 429 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/1563

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 429 final.

Mehmuż: COM(2023) 429 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023
COM(2023) 429 final

2023/0246 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/1563

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (WECAFC) għall-perjodu 2024-2028 b'rabta mal-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet u rakkomandazzjonijiet nonvinkolanti dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi marini ħajjin.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Ir-Riżoluzzjoni tal-FAO li tistabbilixxi l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Il-WECAFC ġiet stabbilita fl-1973 bir-Riżoluzzjoni 4/61 tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti, skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Il-WECAFC tfittex li tippromwovi l-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-iżvilupp effettivi tar-riżorsi marini ħajjin li għalihom hija responsabbli skont il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli u li tindirizza l-problemi komuni li l-membri tagħha jħabbtu wiċċhom magħhom fil-ġestjoni u fl-iżvilupp tas-sajd.

L-UE hija membru tal-WECAFC¹, kif inhuma wkoll Spanja, Franza u n-Netherlands.

2.2. Il-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Il-WECAFC huwa korp reġjonali tas-sajd (RFB) konsultattiv tekniku stabbilit skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Is-Segretarjat tal-WECAFC huwa ġestit u finanzjat mill-FAO. Il-funzjonijiet ewlenin tagħha jinkludu l-promozzjoni, il-koordinazzjoni u l-iffaċilitar tal-governanza u tal-attivitajiet marbutin mal-konservazzjoni u mal-ġestjoni tar-riżorsi marini ħajjin li huwa responsabbli għalihom. Il-WECAFC tista' tagħti pariri wkoll lill-membri tagħha u organizzazzjonijiet rilevanti tas-sajd dwar il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd. Tista' tgħin ukoll lill-membri tagħha, fejn xieraq, fl-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali rilevanti tas-sajd u, fuq talba tagħhom, fil-konservazzjoni, fil-ġestjoni u fl-iżvilupp tal-istokkijiet transkonfinali u transżonali li jkunu jinsabu fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali rispettiva tagħhom².

Bħala membru, l-Unjoni Ewropea hija intitolata tipparteċipa u tivvota fid-deċiżjonijiet tiegħu. Il-WECAFC tipprova tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens. F'każijiet oħra, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, għajr meta jkun previst mod ieħor fir-regoli ta' proċedura tagħha.

2.3. Deċiżjonijiet li tadotta l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Skont l-Artikolu 6(h) tal-istatuti riveduti tagħha, il-WECAFC tagħti pariri dwar il-miżuri ta' ġestjoni ("rakkomandazzjonijiet" u "riżoluzzjonijiet") lill-gvernijiet tal-membri tagħha u lill-organizzazzjonijiet rilevanti tas-sajd. Minħabba l-istatus konsultattiv tiegħu, id-deċiżjonijiet tal-WECAFC ma jorbtux lill-membri tiegħu.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).

² Ir-Riżoluzzjoni FAO 1/131 tal-2006 li temenda l-Istatuti tal-WECAFC u li tirrevedi r-Riżoluzzjonijiet FAO 4/61 tal-1973 u 3/74 tal-1978.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

B'konsistenza mal-proċeduri li japplikaw għall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs), il-pożizzjoni li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea waqt il-laqgħat annwali ta' korpi reġjonali tas-sajd bħall-WECAFC għandha tiġi stabbilita billi jintuża approċċ b'żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida tal-pożizzjoni tal-UE fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem din il-pożizzjoni tiġi aġġustata qabel kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

Għal-WECAFC, dan l-approċċ huwa implimentat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563 tas-16 ta' Settembru 2019, li tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-WECAFC għall-perjodu 2019-2023. Id-Deċiżjoni fiha prinċipji ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tal-WECAFC. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563 inkorporat il-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, filwaqt li tqis ukoll l-oġġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd⁴. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Liżbona.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563 tipprevedi valutazzjoni, u fejn xieraq, reviżjoni tal-pożizzjoni tal-UE qabel il-laqgħa annwali tal-2024. Għalhekk, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-WECAFC għall-perjodu 2024-2028, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563.

Din il-proposta tqis, fir-rigward tas-sajd, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁵, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁶ u "Mill-Għalqa sal-Platt"⁷. Tqis ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks⁸ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero⁹. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani¹⁰.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁴ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final).

¹⁰ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat") jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni"¹¹.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-WECAFC hija korp reġjonali tekniku tas-sajd stabbilit bir-Riżoluzzjoni FAO 4/61 tal-1973 skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Filwaqt li d-deċiżjonijiet tal-WECAFC ("rakkomandazzjonijiet" u "riżoluzzjonijiet") mhumiex vinkolanti għall-membri tagħha, l-atti li l-WECAFC tintalab tadotta huma atti li jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-Trattat.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Il-baży ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni hija r-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni se tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563, li tkopri l-perjodu 2019-2023.

4.3. Konklużjoni

Il-baży ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/1563

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“it-Trattat”), u b’mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija membru tal-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (WECAFC), li hija kummissjoni reġjonali tas-sajd tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) stabbilita skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO.
- (2) L-Unjoni hija membru tal-FAO¹.
- (3) Skont l-Artikolu 6(h) tal-istatuti riveduti tagħha, il-WECAFC tista’ tadotta rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet. Minħabba l-istatus konsultattiv tiegħu, id-deċiżjonijiet tal-WECAFC ma jorbtux lill-membri tiegħu.
- (4) Il-WECAFC tista’ tadotta rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi marini ħajjin.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b’mod li huwa konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjeg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawżonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfitteż li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada ’l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta’ ġestjoni u ta’ konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta’ għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista’ jkun, ta’ qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

jipprevedi li dawk l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

- (6) F'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità³, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁴ u “mill-Għalqa sal-Platt”⁵, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (7) L-istrateġija għall-Plastiks⁶ tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero⁷ jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (8) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani⁸, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni bejn 2024-2028 fil-WECAFC, minħabba li l-WECAFC tintalab tadotta atti mhux vinkolanti li jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-UE, jiġifieri r-Regolament

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM/2020/380).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”, COM(2021)400 final.

⁸ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008⁹; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹⁰; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹.

- (10) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-WECAFC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563¹². Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (11) Fid-dawl tan-natura evolventi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-WECAFC u l-ħtieġa li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-WECAFC, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028. Jenħtieġ li dawn il-pożizzjonijiet ikunu bi qbil mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sessjonijiet tal-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (WECAFC) hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-WECAFC għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, qabel il-laqgħa annwali tal-WECAFC fl-2029.

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1563 tas-16 ta' Settembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (WECAFC) (ĠU L 241, 19.9.2019, p. 2).

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1563 hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President